MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 339/2011

A B

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fit-23 ta' April 1994 ;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, ossia K li ghandu sittax-il-sena (16) u J li ghandha tlettax-il sena (13) ;
3. Illi r-rikorrenti u l-intimata huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' Mejju 2011, fl-Atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar, (Dok. A) b'liema kuntratt l-intimata irrivertiet ghal kunjom xbubitha D ;
4. Illi l-kunsens ta' l-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ;
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kunsens ta' l-intimat inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ta' l-att taz-zwieg ;
6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi ;
7. Illi ghalhekk qeghda ssir din il-kawza ;

Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet iccelebrat fl-24 ta' April 1994, huwa null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) jew l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li ssir l-anotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' minn isssa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet;

1. Illi l-esponenti taqbel in parte mat-talbiet ta' l-attur fir-rigward li z-zwieg bejn il-partijiet huwa wiehed null u invalidu skont il-Ligi u dan minhabba il-fatt illi l-kunsens ta' zewgha u mhux ta' l-esponenti kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-attur rikorrenti illi jaqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi jsegwi ghalhekk u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, illi l-kunsens tar-rikorrenti attur u mhux dak ta' l-intimata nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ta' l-att taz-zwieg;
3. Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandhiex tigi ikkundannata minn din il-Qorti li thallas l-ispejjez ta' din il-kawza;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikorrenti li qed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tat-23 ta' April 1994 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Il-verzjoni tal-attur**

Permezz tal-affidavit tieghu, r-rikorrent jiddikjara li ltaqa' mal-intimata f'Novembru 1992. Jiddiskrivi din ir-relazzjoni bhala l-ewwel wahda serja tieghu b'dan li jghid li kienet tidher relazzjoni normali ghalkemm illum jirrealizza li din l-istess relazzjoni ma kienet normali xejn, ghaliex l-intimata ma kienitx titrattah sew, peress li kienet possessiva, kienet tghir ghalih, kienet tittrattah qisu t-tifel taghha u kien jispicca jaghmel minn kollox biex jikkuntentaha. Kien hemm drabi fejn ried ihassar l-gherusija ta' bejniethom izda wara kienet tiskuza ruhha u twieghdu li ser tbiddel l-attitudni taghha, pero' dan ma sar qatt. Spicca jhossu li ma kellux ghazla ohra hlief li jikkuntentaha biex jevita l-inkwiet. Jesprimi d-dubji dwar kemm l-intimata verament kienet thobbu ghaliex qatt ma ra rispett genwin minghandha u ghalhekk qatt ma hass dak is-sens ta' wens u sodisfazzjoni fl-imhabba maghha. Ghall-intimata l-aspett materjali kien importanti hafna.

Jispjega li qabel iz-zwieg, l-intimata kellha tkun id-dar sa' certu hin (kif kien jimponi missierha), u f'dan is-sens mhux l-ewwel darba li stqarret li kienet qed tistenna li tizzewweg sabiex dan l-issikkar jispicca. Jghid li din kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex l-partijiet kellhom gherusija qasira u haffet il-process ghaz-zwieg. Jiddikjara li ghalkemm kien jaf xi jfisser il-pass taz-zwieg, min-naha taghha l-intimata kienet tara z-zwieg bhala sens ta' avventura jew li ser tehles minn xi haga li xxekkilha, tant li kienet hi stess li pproponiet iz-zwieg. Ir-rikorrent jghid li ma oggezzjonax ghal tali proposta ghaliex ried jikkuntentaha. Kienet l-intimata li hadet id-decizjonijiet kollha dwar iz-zwieg u dan minghajr ebda forma ta' konsultazzjoni mieghu. Id-decizjonijiet kienet tihodhom ma' ommha li kellha influwenza kbira fil-hajja tal-istess intimata. Anke fejn ma kienx jaqbel, kien jghidiha iva biex ma jaqlax inkwiet u argumenti. Jistqarr li xi drabi kien ihossu qisu l-pupu taghha b'dan li jkollu jaghmel dak li trid hi.

Ir-rikorrent jghid li kien wara z-zwieg li beda johrog il-karattru tal-intimata. Saret possessiva hafna u kienet tiddeciedi kollox hi. Jghid li wara li kellhom l-ewwel tarbija taghhom, l-intimita' ta' bejniethom kienet giet kwazi fix-xejn u dan minhabba attitudni wisq insapportabbli da parti tal-istess intimata li kienet tbieghed lill-istess zewgha milli jkun intimu maghha. Ir-reazzjoni taghha kienet tkun dik li tghajjru omosesswali, ghalkemm jammetti li mhux l-ewwel darba li kien icedi biex jikkuntentaha. Malli harget tqila bit-tieni wild, ir-relazzjoni taghhom baqghet sejra ghall-aghar b'dan li r-rikorrent kien ihossu li martu kienet qed tghix mieghu ghaliex taf li materjalment ser tkun sodisfatta. Jghid li dan kollu wassal ghas-separazzjoni taghhom fis-sena 2011[1]. Jghid li

[1] Ara l-kuntratt ta' separazzjoni esebit a fol 4 tal-process

meta jhares lura jiddubita kemm l-intimata hija psikologikament stabbli u dan kollu wassal sabiex trendi l-hajja matrimonjali taghhom impossibbi.

Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li jidher car li l-intimata qatt ma inghatat totalment fiz-zwieg izda dejjem rat x'setghet takkwista u dan sa' mill-ewwel zmien tar-relazzjoni taghhom, ghaliex minghandha qatt ma ra l-imhabba u r-rispett li hu kien jipprova jaghtiha. Jiddikjara li ghaliha kien biss strument sabiex tkun tista' tghix hajja komda u xejn aktar.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2] tikkonferma li l-partijiet ltaqghu f'Novembru 1992. Tghid li l-attur kellu l-vizzju li jhalliha tistenna ghal siegha shiha pero' mbaghad biex ipattilha, kien beda jixtrilha xi rigal. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur, tghid li kien hu li ppropona z-zwieg ghaliex l-attur ried jizzewweg zghir peress li kien trabba minghajr missier. Tispjega kif bl-ghajnuna ta' xi familjari taghhom, gabu xi ghamara biex jiddubbaw filwaqt li l-*honeymoon* kienet rebhitu hi f'kompetizzjoni. Hekk kif harget tqila bl-ewwel tarbija, l-partijiet bdew imorru ghand il-genituri taghha peress li t-tarag tal-appartament kien kollu zrar u minghajr puggaman. Tghid ukoll li r-rikorrent kien idum ma jmur id-dar sas-sieghat bikrin ta' filghodu. Tghid li meta twieldet l-ewwel tarbija taghhom, l-attur

[2] Esebit a fol 36 tal-process

qatt ma ghin billi jaghtih jiekol jew billi jbiddillu. Kien jara certu tip ta' films bil-lejl u kien jghajjarha li ghandha sidirha zghir u mnihirha kbir. Minkejja dan, l-intimata harget tqila bit-tieni tarbija li l-attur ried li tkun tifla ghaliex skond hu, l-familja tieghu ikollhom biss subien. Tghid ukoll li saret taf minghand terzi li meta l-attur isiefer suppost fuq xoghol, kien qed ikollu relazzjonijiet ohra ma' nisa ohrajn. Issemmi wkoll xi episodji ta' vjolenza b'dan li tghid li l-attur qatt ma kellu responsabbilita' ta' familja minhabba l-hrug u d-divertiment.

Tghid li l-attur kien ikollu infezzjonijiet trasmessi sesswalment u minhabba fih kienet tispicca b'infezzjonijiet hi wkoll, ghalkemm l-attur kien jghidilha li t-testijiet kienu qed juru li kellu l-gebla. Tirrakkonta wkoll li darba ried li jbieghu kollox sabiex imorru jghixu c-Cina izda l-intimata rrifjutat ghaliex ma riditx li tnehhi lit-tfal mill-iskola. Izzid tghid ukoll li sabet *email* li wrietha li kien hemm komunikazzjoni ma' tfajla Ciniza, b'dan li l-istess attur ammetta ma' hbieb komuni li qatt ma habbha lill-konvenuta, izda li zzewwigha ghax thassarha u li kien bi hsiebu jmur jghix ic-Cina. Fil-fatt darba fost l-ohra mar ic-Cina ghal xahar u mieghu nizzel tfajla li mar jghix maghha fuq id-dghajsa. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li A ma kienx ihobbha imma approfitta ruhu mid-dejn li kellu qabel iz-zwieg ghaliex haseb li seta' jakkwista minghand il-genituri taghha. Tghid li l-attur izzewweg minghajr responsabbilita', sakrificcju u dedikazzjoni.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-Qorti tirrileva li permezz ta’ nota esebita in atti[3], l-intimata tipprezenta numru ta’ dokumenti li permezz taghhom trid taghmel prova dwar ir-rikorrent. Tipprezenta certifikat mediku li juri li l-istess intimata allegatament kienet vittma ta’ vjolenza, certifikat mediku li juri li r-rikorrent kellu mard trasmess sesswalment, biljett li juri li l-istess attur mar fi *strip club* gewwa l-Italja, document li juri li l-attur iffirma falz, *emails* mibghuta mill-attur lil tfajla ciniza li maghha ghandu relazzjoni, kopja ta’ reklam f’gazzetta lokali li l-attur kien tefa’ sabiex ibiegh il-proprjeta’ kollha biex il-familja tmur tghix gewwa c-Cina, email fejn l-attur jammetti li ttraskura l-familja, ittra mibghuta lill-intimata minn hbieb taghha u kopja tac-*chat* bejn l-attur u l-wild tal-partijiet.

Permezz tax-xiehda taghha, Mary Rose D[4] tikkonferma li l-partijiet ma tantx damu gharejjes. Tiddiskrivi l-attur bhala bniedem li mhux dixxiplinat u li ma jzommx il-hin pero’ tghid li qabel iz-zwieg ma kienx hemm problemi. Wara z-zwieg pero’ tghid li mhux l-ewwel darba li kienet prezenti ghal xi argument fejn l-attur kien jghajjar lill-intimata u tiddiskrivih bhala ragel li mohhu dejjem fuq ix-xoghol. Tghid ukoll li l-intimata kienet tghajjru  u tikkrikitah fuq in-nuqqas ta’ intimita’ bejniethom ghaliex kienet thoss li l-intimita’ ta’ bejniethom ma kienitx normali. Tikkonferma wkoll li fl-gherusija l-genituri taghhom kienu jzommulhom id-dixxiplina dwar il-hinijiet ta’ meta jidhlu lura d-dar wara l-hrug. Taghlaq ix-xiehda taghha billi tghid li z-zewg partijiet ma kienux maturi ghaz-zwieg ghaliex f’sena ma tistax tidra persuna.

[3] Ara a fol 35 tal-process
[4] Ara a fol 71 tal-process

Arthur B, permezz tax-xiehda tieghu, jikkonferma li l-attur ammetta mieghu li qatt ma kien ihobb lill-konenuta[5].

**Ikkunsidrat :**

<u>**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**</u>

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li***

[5] Ara a fol 98 tal-process

[6] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

***taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*".**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] fejn intqal: "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment il-fatt li jidher car li l-partijiet hadu decizjoni affrettata hafna biex jizzewgu (ghalkemm ma jaqblux fuq ir-raguni) b'dan li hadd minnhom ma haseb verament x'kien ser ifisser iz-zwieg ghalihom u xi dmirijiet ser igib mieghu l-istess zwieg, il-qorti tirrileva li jidher car li min-naha taghhom iz-zewg partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhlu ghal dan iz-zwieg ghaliex fil-fatt raw iz-zwieg bhala l-mezz ta' kif isolvu l-problemi taghhom (min-naha taghha

[7] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

tqal-konvenuta sabiex tevita s-sikkatura tal-genituri taghha u min-naha tal-attur sabiex jara li jkollu l-familja li ma kellux meta kien zghir).

**<u>Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg;</u>**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-***

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-qorti tirrileva, li mill-assjem tal-provi, m'hemmx l-icken prova jew ghall-anqas hjiel fuq l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument propizju tal-kunsens. M'hemm ebda indikazzjoni ohra li twassal lil din il-qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward taz-zewg partijiet; u tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg tal-partijiet kif mitlub.

Spejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------